26 ta' Ġunju, 1950.

Imħallef:

L-Onor. Dr. A.V. Camilleri, B.Litt., LL.D.

**Elisa Cesareo** *versus* **Victor Trapani ne.**

**Spoll — Azzjoni ta' Reintegrazzjoni — Pussess — Rekwiżizzjoni — Housing Commissioner — Atti "Jure Imperii" u Atti "Jure Gestionis" — Housing Act 1949, Sezzjoni 4 — Art. 572 tal-Kodiċi Ċivili, u Art. 794 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili.**

*L-azzjoni ta' spoll tmiss lil kwalunkwe persuna li tiġi, bil-vjolenza jew bil-moħbi, imneżża' mill-pussess "ta' liema xorta jkun" jew mid-detenzjoni ta' ħaġa mobili jew immobili, purkè l-azzjoni titmexxa 'l-quddiem fi żmien xahrejn mill-ispoll kontra l-awtur, li jista' jkun anki s-sid tal-ħaġa li tagħha l-possessur jew detentur ikun sofra l-ispoll; bil-konsegwenza li l-persuna hekk dispossessata terġa' tiġi mqiegħda f'dak il-pussess jew f'dik id-detenzjoni.*

*Kontra l-atti kompjuti mill-amministrazzjoni publika "jure imperii" ma hix ammessa l-azzjoni ta' spoll. Imma meta l-att ta' dik l-amministrazzjoni jiġi kompjut "jure gestionis", ir-rimedju tar-reintegrazzjoni huwa applikabili u l-azzjoni ta' spoll hija ammessa.*

*Il-Housing Commissioner li jirrekwiżizzjona dar biex idaħħal in-nies fiha jagħmel att "jure imperii", li mhux sindakabili mill-Qrati meta huwa magħmul mill-awtorità kompetenti u fil-forma li trid il-liġi. Iżda l-infurzament ta' rekwiżizzjoni ma jistax jiġi mwettaq bil-forza, skond il-Housing Act, jekk mhux fuq ordni li jingħata għal hekk mill-Kummissarju tad-Djar u lil u per mezz ta' uffiċjal tal-Pulizija ta' rank mhux inqas minn sottospettur; u dan fil-każi biss speċifikati mill-istess Housing Act.*

*Għaldaqstant meta l-eżerċizzju ta' l-infurzament ta' rekwiżizzjoni bil-forza jsir mingħajr istruzzjoni tal-Kummissarju tad-Djar, u mhux per mezz ta' uffiċjal tal-Pulizija ta' rank mhux inferjuri għal dak ta' sottospettur, dak l-eżerċizzju jikkostitwixxi spoll li jaqa' taħt l-azzjoni tar-reintegranda.*

*Jekk imbagħad il-Kummissarju tad-Djar, li ma jkunx ta l-istruzzjoni tiegħu għal dak l-eżerċizzju abużiv, jassoċja ruħu miegħu billi b'xi mod japprovah, isir huwa wkoll suġġett għall-azzjoni ta' spoll, u anki għal dik tad-danni.*

**Il-Qorti, — Rat** iċ-ċitazzjoni li biha l-attriċi talbet li, wara li jiġu magħmula d-dikjarazzjonijiet neċessarji u li jiġu mogħ-

tija l-provvedimenti opportuni, peress illi l-konvenut *Victor* Trapani, fil-kwalità premessa, irrekwiżizzjona minn għand l-attriċi l-fond San Ġiljan, Main Street, numru 142, li jikkonfina mal-*fond numru* 143 fl-istess triq, li ma huwiex rekwiżizzjonat u li jinsab abitat mill-attriċi; u peress illi l-attriċi ikkonsenjat lill-konvenut Trapani l-fond rekwiżizzjonat, u fl-okkażjoni tal-konsenja ġie mbarrat bil-ġebel il-bieb diviżorju ta' bejn iż-żewġ fondi, u dana għat-tenur tad-direttivi mogħtija mill-Housing Commissioner; u peress illi l-għada li dan il-bieb kien ġie hekk imbarrat, ċjoè fit-18 ta' Jannar 1950, il-konvenut Hunt, li huwa wieħed mill-impjegati tal-Housing Department, arbitrarjament u vjolentement neħħa, jew ordna li jitneħħa, dak il-ġebel, skossa l-bieb ta' l-injam waqt li l-attriċi ma kenitx id-dar, warrab il-mobbli li kien hemm fil-kamra attigwa, u mbarra l-bieb ta' dik *il-kamra*, u b'hekk issegrega kamra mid-dar ta' l-abitazzjoni ta' l-attriċi, u għal-hekk ikkommetta spoll a dannu ta' l-istess attriċi; il-konvenuti, jew min minnhom tenut, jiġu kundannati biex f'terminu *qasir jirreintegraw* lill-*attriċi* fil-pussess u godiment tal-kamra fuq indikata; u jekk ma jagħmlux dana, l-attriċi tiġi awtorizzata li tagħmel ix-xogħlijiet meħtieġa biex tagħmel kollox fl-istat pristinu, anki jekk *hemm bżonn* taħt id-direzzjoni ta' perit li għandu jiġi nominat, a spejjeż tal-konvenuti. Bl-ispejjeż, komprizi dawk tal-protest tal-20 ta' Jannar 1950, kontra l-konvenuti;

*Omissis;*

Tikkunsidra;

Mill-provi jidher li l-fattijiet li taw lok għall-kawża tal-*lum huma* dawn li sejrin jiġu relatati. Fit-12 ta' April 1949 u 12 ta' Mejju 1949, ġew rispettivament rekwiżizzjonati minn għand l-attriċi l-fondi Main Street, numru 143 u Main Street 142, San Ġiljan, mill-Housing Commissioner. L-attriċi ma qagħdetx għar-rekwiżizzjoni, u l-Housing Commissioner kellu jirrikorri għall-Qorti Kriminali..............;

Tikkunsidra;

Illi sabiex tiġi deċiża l-kwistjoni odjerna hemm bżonn li *jiġu enunċjati ċerti prinċipji* legali ta' *ordni divers*. Infatti, in kwantu l-azzjoni tal-lum hija bażata fuq l-azzjoni possessorja tar-reintegrazzjoni, konoxxuta bħala l-azzjoni ta' spoll,

għandha jkollha setgħa l-liġi ordinarja (ara art. 572 tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 23 tal-LL. ta' Malta); in kwantu mbagħad għal valutazzjoni tal-fatt li ġie magħmul in segwitu għar-rekwiżizzjoni tal-Housing Commissioner, l-istess għandu jiġi kunsidrat fid-dawl tas-setgħat li għandu u jista' jkollu dak l-uffiċjal jew ħadd ieħor taħt id-dispożizzjonijiet ta' l-Att II ta' l-1949;

Illi skond il-liġi l-azzjoni ta' spoll tispetta lil kwalunkwe persuna li tiġi bil-vjolenza jew bil-moħbi mneżża' mill-pussess "ta' liema xorta jkun", jew mid-detenzjoni ta' ħaġa mobili jew immobili; b'dana li l-possessur jew detentur irid imexxi l-azzjoni tiegħu fi żmien xahrejn mill-ispoll kontra l-awtur, u bil-konsegwenza li dik il-persuna hekk dispossessata terġa' tiġi mqiegħda f'dak il-pussess jew f'dik id-detenzjoni, kif jingħad fl-art. 794 tal-Kodiċi ta' l-Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili Kap. 15 ta' l-Edizzjoni Riveduta tal-Liġijiet ta' Malta, mill-konvenut, li jista' jkun anki l-istess sid tal-ħaġa li tagħha l-attur ikun bata l-ispoll;

Illi l-iskop preċipwu ta' dina l-azzjoni hija r-repressjoni ta' l-użu tal-vjolenza privata u r-rimedju possessorju bħala omaġġ tal-massima legali "spoliatus ante omnia restituendus"; il-għaliex bħala miżura ta' ordni publiku hija diretta sabiex timpedixxi li xi ħadd jagħmel u jieħu ġustizzja minn jeddu u b'idejh, kif ukoll l-għaliex hija provvediment intiż sabiex jikkonserva u jżomm il-paċi publika;

Illi l-Kodiċi Ċivili tagħna, fuq l-ormi tal-prinċipji tal-Kodiċi Kanoniku, jagħti lok għall-azzjoni ta' reintegrazzjoni anki għat-tutela u protezzjoni tal-pussess ta' ħwejjeġ mobili oltri għall-ħwejjeġ immobili, purkè però jiġi dimostrat, manifestat u muri, interess tal-possessur għall-eżerċizzjn ta' dak id-dritt, anki jekk dak l-istess dritt ma jkunx jista' jipproduċi ebda effett ġuridiku, bħal fil-każ ta' ħaġa li tkun maħruġa mill-kummerċ, "extra commercium", u bħala tali ma tkunx suxxettibili ta' pussess leġittimu; l-għaliex il-presuppost u bażi ta' l-azzjoni "de quo agitur" mhux il-pussess kontemplat fl-art. 561 tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 23 tal-Liġijiet ta' Malta, imma pussess ta' liema xorta jkun, pussess kwalunkwe, li huwa u jista' jkun anki dak eżerċitat fuq il-ħwejjeġ "extra commercium". Anki għad-drittijiet, non ostanti s-sentenzi opposti, kif il-lum ġie ritenut, huwa mogħti r-rimedju tar-re-

integranda. Infatti, it-terminu komuni "ħaġa" ("cosa") użat mil-liġi huwa ta' natura ġenerika u komprensiva, u ma jidherx li ma jkoprix anki d-drittijiet; u skond id-definizzjoni tad-Digesto (Fr. 23 Dig. 30, 16), "rei appellatione et causae et jura continentur". Huma però esklużi mill-protezzjoni ta' dina l-azzjoni d-drittijiet personali, fejn il-pussess huwa inkonċepibili (eżempju ta' dana huma d-dritt għall-isem jew użu ta' insenja determinata, jew id-drittijiet ta' krediti u d-drittijiet familjari);

Illi l-ispoll huwa vjolent meta b'mezzi materjali jew morali tiġi vjolata l-volontà espressa jew preżunta tal-possessur bl-użurpazzjoni tal-ħaġa u bit-tneħħija tal-possibilità tal-godiment ta' dik il-ħaġa, u bil-konsegwenza li dak id-dispossessament ikun fl-istess ħin ta lok lill-persuna dispossessata tirrespinġi l-attakk bis-saħħa jew forza — "vim vi repellere" — forza repressiva li, biex tiġi wżata, trid tiġi eżerċitata "in ipso congressu", u mhux "ex intervallo"; l-għaliex huwa ċar li l-eżerċizzju tal-forza, anki repressiva, wara li l-ispoll ikun ġie eżerċitat bla ma jkun respint lura bis-saħħa fil-waqt ta' dik il-vjolenza, huwa per sè vjolenza, u jilleġittima l-azzjoni ta' reintegrazzjoni mill-parti ta' l-istess użurpatur. Mill-banda l-oħra jingħad li l-ispoll huwa moħbi jew okkult meta l-istess jiġi magħmul għall-insaputa tal-possessur, anki jekk isir publikament; l-għaliex il-klandestinità fil-każ ta' spoll għandha rapport mal-parti offiża, u hija differenti minn dik konoxxuta bħala vizzju tal-pussess, li għandu rapport universali, u hija opposta għall-pussess publiku, li jkun jeżisti meta l-pussess javvera ruħu quddiem u bil-konoxxenza ta' dawk kollha li jkunu jistgħu jarawh;

Illi mhix negata l-unanimità fid-dottrina illi di front għall-azzjoni arbitrarja ta' l-ispoljatur, vjolentá u okkulta, il-liġi tintervjeni bid-difiża tagħha, sabiex tipproteġi l-pussess, ikun x'ikun, anki jekk ikun illeġittimu, vizzjuż u reċenti; li għalkemm il-pussess ma hux per sè dritt, iżda biss "mero fatto", eppure huwa meritevoli ta' protezzjoni kontra l-azzjoni antiġuridika ta' l-ispoljatur, għar-rispett li huwa dovut għal li "stato di fatto" u għal dak il-"plus juris" li l-possessur bħala tali għandu fuq oħrajn li ma jkunux possessuri; l-għaliex "in pari causa possessor potior haberi debet";

Illi fid-dottrina kontinentali "in subjecta materia" għadha hajja l-antika kwistjoni u d-disputa jekk għall-attijiet tal-publika amministrazzjoni jistax ikun hemm ir-rimedju ta' l-azzjoni ta' l-ispoll, li jillegittima di konsegwenza r-reintegrazzjoni. It-teoriji dwar dina l-kwistjoni huma ħafna u varjanti, u ħawn mhux il-post tajjeb sabiex l-istess jiġu esposti. Jista' jingħad biss li fuq il-preżunzjoni li l-attijiet ta' l-amministrazzjoni jkunu per sè leġittimi, it-teorija negativa tipprevali. Milli jidher, l-aktar teorija favorita fil-materja hija dik li tagħmel qabel xejn id-distinzjoni ta' l-attijiet ta' l-amministrazzjoni li jiġu magħmulin "jure imperii", minn dawk kompjuti "jure gestionis"; u li jekk l-att kwerelat ikun jidħol fl-isfera ta' l-ewwel attijiet fuq imsemmija, teskludi l-azzjoni "de quo dicimus", mentri tammettiha jekk dak l-att kwerelat ikun jidħol taħt it-tieni attijiet fuq imsemmija. M'hemmx bżonn jingħad li aħna ma nistgħux naċċettaw minnufih dawk, jew xi waħda minn dawk l-istess teoriji, bla riżervi u emendi, meta l-liġi tagħna ma tiddisponix fuq il-kontenzjuż amministrativ "ad hoc" bħal ma jagħmlu l-pajjiżi kontinentali, fejn inħolqu dawk l-istess skejjel tal-ħsieb fuq il-materja, għalkemm fil-prinċipji ġenerali tagħhom nistgħu nsibu flimkien mad-dispożizzjonijiet tal-liġijiet tagħna normi ta' kondotta li jistgħu jkunu ta' ajjut għas-soluzzjonijiet tal-kwistjonijiet tagħna;

Illi m'hemmx kwistjoni li skond il-prinċipji tagħna, interpretati mill-ġurisprudenza ta' dawna l-Qrati, il-Housing Commissioner, fid-dritt li għandu li jirrekwiżizzjona l-postijiet u djar sabiex idaħħal in-nies fihom, għandu dritt li jidħol taħt l-attijiet li jiġu kompjuti bħala "jus imperii", u s-sindakabilità ta' l-attijiet tiegħu hija biss limitata fil-każ ta' nuqqas ta' poter jew imħabba difett jew irregolarità tal-forma. Sakemm l-att "de quo" jkun ħareġ mill-persuna leġittimament inkarikata u skond il-forma li trid il-liġi, l-att ma' jkunx jista' jissejjaħ illeġittimu jew antiġuridiku, u kwindi ma jistax jiffurma l-oġġett ta' kawża ta' spoll. Skond l-Att II ta' l-1949, sezzjoni 4, il-Housing Commissioner għandu s-setgħa ta' ħruġ ta' rekwiżizzjonijiet, u għandu d-dritt iwettaq l-ordnijiet ta' rekwiżizzjoni għall-iskopi msemmija fil-liġi. L-eżerċizzju ta' l-infurzament ta' l-ordnijiet tiegħu ma jistax bil-forza jsir

minnu jew l-impjegati tiegħu, imma jrid isir (1) fuq istruzzjonijiet tal-Kummissarju, (2) lil u per mezz ta' l-Uffiċjal tal-Pulizija mhux taħt ir-rank ta' sottospettur; u dawn l-infurzamenti bil-forza huma anki għall-istess Kummissarju ċirkoskritti għal każi determinati, u ċjoè (1) li għandhom x'jaqsmu mar-rikostruzzjoni, il-pjantar mill-ġdid jew evakwazzjonijiet f'għadd kbir, jew (2) f'każijiet ta' okkupazzjoni mhix awtorizzata, jew (3) f'każijiet oħra li l-Kummissarju fil-fehma tiegħu assoluta jkun jidhirlu li huma urġenti;

Illi minn dawn d-dispożizzjonijiet tal-liġi jitnissel kwindi li barra milli għall-każijiet hemm imsemmija, u per mezz ta' l-uffiċjali tal-forza publika hemm klassifikati, l-istess Kummissarju tad-Djar, anki jekk joħroġ ordni jew provvediment leġittimu u fil-forma li trid il-liġi, ma jistax jinfurzah altrimenti minn dak li trid l-istess liġi; u jekk jinfurzah diversament ikun qed jabbuża mill-poter tiegħu, u skond il-liġi tagħna komuni jkun suġġett anki għall-azzjoni ta' spoll. Fi kliem ieħor, trid issir distinzjoni meta bejn l-att, provvediment jew ordni tal-Kummissarju tad-Djar, u l-eżekuzzjoni ta' dak l-att bil-forza, jew aħjar l-att tar-rekwiżizzjoni taddar in kwistjoni bil-kamra in kwistjoni u l-infurzament ta' dik ir-rekwiżizzjoni bil-forza mhux per mezz tal-persuni indikati mil-liġi. Tabilħaqq, meta l-att leġittimu jiġi infurzat skond il-liġi, ma jistax ikun antiġuridiku; imma meta l-att leġittimu jiġi infurzat mhux kif trid il-liġi, l-eżerċizzju ta' dak l-infurzament kontra l-istess liġi, għalkemm ma jħassarx l-att leġittimu, eppure fl-eżerċizzju tiegħu jkun illegali, delittwuż u antiġuridiku;

Tikkunsidra;

Illi, stabbiliti dawna l-prinċipji, jingħad li mill-provi jidher paċifikament li r-rekwiżizzjoni "de quo dicimus" kienet ġiet emanata regolarment u fil-forma li trid il-liġi. Jidher ukoll li skond il-provi fir-rekwiżizzjoni in parola tal-fond nru. 142 Main Street, San Ġiljan, il-kamra in kwistjoni kienet imdaħħla ma' dak il-fond, u meta marru l-imgħallimin tal-Public Works kellhom jisseparawha, jew aħjar jinkluduha ma' dak l-istess fond. Sija jekk l-attriċi qalet lil dawk l-imgħallmin jagħalqu bieb b'ieħor, l-għaliex riedet iżżomm dik il-kamra, kemm l-għaliex ħasbet li binha kien irranġa fuqha

mal-Housing Commissioner, sija jekk l-ingħallmin ħadu żball dwar il-bieb li kellhom jagħalqu — kwistjoni li hija importanti li tiġi studjata se mai fi proċess petitorju — huwa fatt li l-pussess materjali, ċjoè l-fatt materjali tad-detenzjoni ta' dik l-istess kamra baqa' taħt idejn l-attriċi. Jirriżulta wkoll li l-konvenut Hunt, meta mar fuq il-post u sab l-istat ta' fatt deskritt, bla ebda awtorità tal-Housing Commissioner (ara depożizzjoni Carmelo Schranz fol. 40 tal-proċess), barra mill-fatt li huwa mhux membru tal-forza publika eżekutiva mhux taħt ir-rank ta' sottospettur, vjolentement u okkultament fetaħ il-bieb ta' l-injam u l-gebel tal-kamra in kwistjoni. Dina l-eżekuzzjoni furzata ma kienetx, fil-ħsieb tal-Qorti, permessa mil-liġi, anki jekk u fl-ipotesi li l-pussess ta' l-attriċi kien illegittimu u vizzjuż, u jikkostitwixxi indubbjament spoll; l-għaliex ma kienx akkumpanjat minn att ta' eżerċizzju leġittimu, anzi kien abbuż ta' poter li huwa ħass li għandu, mentri fil-fatt ma għandux u ma jistax ikollu skond il-liġi;

Illi mhux konformi għall-prinċipji legali li jingħad li peress li l-attriċi kienet ikkunsinnat iċ-ċwievet tal-fond fuq imsemmi, li miegħu strutturalment kienet kompriża l-kamra in kwistjoni, il-fatt kwerelat ma setax jikkostitwixxi spoll għarraġuni li l-Kummissarju tad-Djar kellu l-pussess "di diritto" tal-post kollu; l-għaliex anki skond dina l-opinjoni, mhux kull vjolenza għandha tingħad li hija leċita, imma biss dik li ma tikkostitwix reat jew dawk l-attijiet li ma jikkostitwux vjolenza materjali (ara Mancini-Scialoia-Pisanelli, "Delle Azioni Possessorie", fil-"Commento del Codice di Procedura Civile per gli Stati Sardi", Vol. I, Parte II, parag. DCLXXX u ta' warajh, pag. 629, Torino 1857; u Pacifici Mazzoni, Istituzioni, Vol. III, numri 272-279). Jingħad ukoll li l-opinjoni fuq espressa hija ammissibili (fis-sens li l-possessur ta' dritt ma jikkommettix spoll jekk jeżerċita l-pussess proprju) salv dak li ntqal fuq dwar ir-reat u l-vjolenza materjali fil-limiti biss ammessi minn Fabro fil-Kodiċi tiegħu, u ċjoè "vim fecisse non videtur qui clausulam constituti habens, atque ita possessor factus, possessionem occupavit propria auctoritate cum nemo contradiceret, tametsi postea supervenerit contradictor, sive justus sive injustus" (Def. 33)............ Quamdiu enim.............. retinet, non potest videri vim facere si

naturalem possessionem proprio jure ingrediatur si non ab occupante prohibeatur (Def. 4 de adquir. vel. amitt. posses.) — liema pass jipprevedi l-każ meta ma jkunx hemm oppożizzjoni mill-parti tal-possessur, jew meta l-oppożizzjoni ssir biss wara l-okkupazzjoni tal-pussess, mentri huwa divers il-każ meta, non ostanti t-titolu jew il-kontradizzjoni tiegħu (kif tippretendi l-attriċi u wliedha), min ikun qiegħed jikkontradiċi jkun il-possessur materjali u jkun qiegħed juri biċ-ċar, bil-kliem u fatti, li qiegħed jopponi ruħu għall-immissjoni tal-possessur tad-dritt biss li ma jkollux ukoll il-pussess materjali. F'dana l-każ lanqas lill-possessur tad-dritt ma huwa permess bl-awtorità tiegħu u bi vjolenza jidħol fil-pussess tal-ħaġa, imma jrid, biex jottjeni l-pussess materjali, jottjenih bil-mezzi legali, li dik il-ħaġa li jkollu l-pussess tagħha bid-dritt tiġi materjalment lilu rilaxxjata, u dana javvera ruħu (u ġie konfermat unanimament mill-ġurisprudenza) anki bla distinzjoni bejn il-varji forom ta' vjolenza, kompriża dik morali, l-għaliex kontra l-possessur tabiiħaqq kull forma ta' vjolenza hija mil-liġi projbita. Diversament kien ikun hemm konfużjoni bejn id-dritt u l-pussess, b'kontradizzjoni lampanti, manifesta u atroċi, tal-prinċipji fondamentali tat-tutela possessorja;

Illi għal grazzja ta' l-argument, anki jekk l-attriċi impossessat ruħha illegalment mill-kamra in kwistjoni, u f'lok użurpata kienet l-użurpatriċi, dak il-fatt ma kienx jiġġustifika, kif intqal fuq, repressjoni "ex intervallo";

Illi kwindi ċertament il-konvenut Hunt bl-aġir tiegħu, taħt iċ-ċirkustanzi, ikkommetta spoll;

Tikkunsidra;

Illi dwar il-konvenut l-ieħor, fil-kwalità tiegħu ta' Housing Commissioner, kif diġà ntqal, fil-waqt tal-kummissjoni ta' l-att kwerelat huwa ma kellux x'jaqsam xejn miegħu; tant li x-xhud Carmelo Schranz, li allura kellu dik il-funzjoni, għalkemm qal li l-konvenut Hunt kien inkarikat mir-rekwiżizzjoni tal-post imsemmi, u li kien jaf biha, huwa ma kienx ġie mitlub biex jagħti lill-istess Hunt l-awtorità li juża l-forza biex l-istess tiġi eżerċitata — dak li juri (1) li Hunt aġixxa b'dak il-mod vjolent "sponte", u (2) li huwa (il-Kummissarju) qatt ma seta' minn qabel jiddikjara li kien każ li fl-assoluta dis-

krezzjoni tiegħu kien jidhirlu li huwa urġenti b'mod li kien jiġġustifika l-eżerċizzju tar-rekwiżizzjoni bil-forza (esklużi l-każijiet l-oħra msemmija fil-liġi, li ċar ma jagħmlux għall-każ); apparti l-fatt li l-istess Kummissarju tad-Djar ma setax ħlief jagħti dak l-ordni lill-uffiċjal tal-Pulizija mhux taħt ir-rank ta' sottospettur;

Illi kieku l-konvenut Kummissarju tad-Djar irripudja l-eżerċizzju vjolent tal-konvenut Hunt, m'hemmx kwistjoni li huwa ma kienx ikun tenut di fronti għall-azzjoni ta' l-attriċi; l-għaliex meta ma jeżistix mandat espress jew taċitu, jew ratifika posterjuri, il-persuna li għan-nom tagħha huwa pretiż li jkun sar l-ispoll tista' tirrespingi l-azzjoni tar-reintegra. Imma huwa, bil-fatt u l-assoċjament tiegħu fid-difiża li għamel f'dina l-kawża, wara li ġie jaf bil-każ, assoċja ruħu ma' l-awtur materjali ta' l-ispoli; u skond il-prinċipju legali, "si quod alius dejecit ratum habuero, sunt qui putant secundum Sabinum et Cassium, qui ratificationem mandato comparant, me videri dejecisse tenetur" (Framment I, §14 Digesto 43. 16); b'mod li huwa leċitu jingħad li, bħala immedjata konsegwenza tal-possibilità ta' azzjoni, tant kontra l-awtur materjali kemm kontra l-persuna li għan-nom tagħha l-ispoll ikun ġie kommess, iż-żewġ konvenuti huma sondalment responsabili tant għar-restituzzjoni tal-possess kemm għar-riżarċiment tad-danni, bħala omaġġ għall-insenjament li "quoties versus procurator dejecerit, cum utrolibet eorum, id est sive domino sive procuratore, agi posse Sabinus ait............. non enim excusatus est qui jussu alicujus dejecit non magis quam si jussu alicujus occidit" (Fr. 2 §12, Digesto 43, 16);

Illi l-konsegwenza ta' l-azzjoni ta' reintegra hija, apparti d-danni, jekk ikun hemm, ir-restituzzjoni — "spoliatus ante omnia restituendus". Dina r-restituzzjoni ma tintakkax bl-ebda mod id-dritt leġittimament maħruġ tar-rekwiżizzjoni, imma biss l-eżerċizzju tagħha illegali fuq il-ħaġa rekwiżizzjonata, li skond il-liġi tagħna, a differenza tal-liġijiet kontinentali, hija possibili, salva l-azzjoni petitorja lill-konvenut Podestà nomine għall-kunsinna tal-kamra in kwistjoni, li huwa jippretendi li hija mdaħħla fl-istess rekwiżizzjoni. Dina r-restituzzjoni għandha n-natura ta' piena, in kwantu d-dispossessament ikun sar vjolentement u okkultament mill-ispoljant,

ikun ha l-liġi f'idejh, u għandha l-fini tal-protezzjoni tal-fatt tal-pussess u tal-paċi publika;

Għal dawna l-motivi;

Taqta' u tiddeċidi billi tikkundanna "in solidum" lill-konvenuti jirreintegraw, fi żmien 48 siegħa, lill-attriċi fil-pussess u detenzjoni tal-kamra indikata fl-att taċ-ċitazzjoni; u fin-nuqqas li huma jagħmlu dak li ġie lilhom ordnat, tawtorizza lill-istess attriċi tqiegħed kollox fl-istat pristinu taħt id-direzzjoni tal-Professur Robert Galea, appożitament nominat, a spejjeż tal-konvenuti;

L-ispejjeż jitħallsu "in solidum" mill-konvenuti. Tibqa' riżervata lill-konvenuti l'odestà nomine kwalunkwe azzjoni li blu rista' tistħoqq skond il-liġi sabiex jieħu lura l-kamra in kwistjoni f'ġudizzju petitorju.